**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 10 ta' Ottubru 2024**

**Rikors Guramentat nru : 146 /2022 AGV**

**Fl-ismijiet;**

**GS**

**vs**

**MS**

**Il-Qorti**

**Rat ir- Rikors ta' GS datat 11 ta' Lulju 2021,**

**Tesponi bir-rispett u bil-gurament taghha tghid:**

1) Illi l-esponenti hija t-tifla ta' l-intimata li twieldet fid-9 ta' Novembru tas-sena 2003;

2) Illi l-genituri tal-esponenti ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni personali. Sfurtunatament, id-dinamika familjari, u konsegwentament ir-relazzjoni ta' dawk involuti izda b'mod partikolar dik ta' bejn l-ahwa mhijiex wahda idejali u dan ghaliex filwaqt illi l-esponenti tghix ma missierha, ohtha tghix ma l-intimata ommha minghajr ebda kuntatt formali.

3) Illi r-relazzjoni ta' bejn l-esponenti u ommha sfurtunatament giet ikkartterizzata minn hafna ghajjat u swat da parti tal-intimata fil-konfront tal-esponenti bintha liema agir ta' lok sabiex l-attrici taghzel illi tirrisjedi ma missierha.

4) Illi matul il-proceduri ta' separazzjoni missier l-esponent, CS , ghamel attentat sabiex ikollu access ma' bintu A sabiex huwa jkun jista jutilizza dan il-hin mhux biss sabiex isewwi r-relazzjoni ta bejnu u bejn bintu izda r-relazzjoni ta' bejn uliedu wkoll. Madanakollu, t-talba giet michuda.

5) Illi l-esponenti, illi kif inghad tirresjedi ma missierha, qieghda tattendi ghal kors ta' taghlim ossia l-course tal-Association of Chartered Certified

Accountants (ACCA), course impenjattiv illi hi qieghda tippartecipa fih tramite Ernst & Young, fuq bazi *full-time* u dan kif ser jirrizulta matul it-trattazzjoni tal-kawza.

**6)** Illi l-esponent fadlilha sentejn sabiex ghalhekk, l-esponenti hija ntitolata sabiex tircievi manteniment minghand l-intimata ommha.

Ghaldaqstant l-attrici titlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

**i.** tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attrici dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata ghall-htigjijiet tal-imsemmija attrici li tigi ffissata mill-istess Qorti, skond il-mezzi tal-konvenuta u l-bzonnijiet tal-istess attrici, pagabbli mill-konvenuta lill-attrici fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn dina l-Qorti;

**ii.** tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas ukoll nofs l-ispejjes ta' sahha u edukazzjoni u dawk extra-kurrikulari jew bhala somma separata jew b'zieda ma, u bhala parti mis-somma ta' manteniment likwidat skont it-talba precedenti;

**iii.** tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attrici dik ir-retta ta' manteniment ghall-htigijiet taghha illi tigi hekk likwidata.

**iv.** tordna illi l-manteniment illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tillikwidha jizdied kull sena skont l-indici tal-gholi tal-hajja;

**v.** tordna illi l-manteniment hekk likwidat jithallas lill-attrici direttament mill-paga tal-konvenuta;

**vi.** tordna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attrici arretrati ta' manteniment dovuti lill-esponenti mid-9 ta' Novembru 2021, cioe mid-data ta' meta l-esponenti ghalqet l-eta' ta' tmientax -il sena

**vii.** tikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas lill-attrici dik is-somma hekk stabilita u likwidata minn din il-Qorti bhala arretrati ta' manteniment, taht dawk il-modalitajiet illi jigu stabilliti f'dan ir-rigward mill-istess Qorti u b'zieda mal-manteniment li jigi ordnat skont kif mitlub fit-talba numru (iii).

**Rat ir- Risposta Mahlufa ta' MS**

**Tesponi bir-rispett u bil-gurament tikkonferma:**

1. Preliminarjament il-premessi kif dedotti huma invertiera u oltre' minn hekk huma lill hin mir-relevanza ghat-talbiet u ghandhom fl-intier taghhom jigu skartati tenut kont li huma attentat segwenti quddiem Qorti ohra;

2. Fl-mertu – illi t talba ghall hlas t'a retta alimentari ghar-rikorrenti ghadha tigi michudha ghas-segwenti ragunijiet:

   a. Din il-Qorti ma ghandhiex is-setgha li tiddeciedi dawn it-talbiet u dana stante li l-partijiet ghandhom proceduri pendenti quddiem din il-Qorti u hija din il-Qorti f' dik il-kawza li trid tiddecidi dwar it-talbiet u

ghalhekk din il-Qorti ghandha tastejni milli tiehu konjizzjoni ta' dawn u t-talbiet fl-intier , bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

b. Dawn it-talbiet bin-numru (I) sa (v ) ir-rikorrenti ma hijiex intitolata ghall-ebda manteniment dan diga' gie degradat minn din il-Qorti diversament preseduta li qieset il-mezzi tal-partijiet, cirkustanzi tal-partijiet fir-reqqa u nghataw zewg digrieti li cahdu din it-talba; l-uzu ta' dawn il-proceduri huwa mezz kif wiehed jipprova jirrikori ghall-forum iehor jilqa' t-talba taghha

c. Illi t-talba dwar mmarkata (vi) u (vii) diga' hemm digriet vigenti li cahad din it-talba u ghalhekk din talba ma tistax tigi milqugha u dana kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tar-rikors.

3. Illi l-esponenti ma ghandhiex tbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri;

4. Salv eccezzjonijiet ohra permessibli mil - ligi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma, fil-qosor, is segwenti. L-attrici hija bint il-konvenuta. Missierha u l-istess konvenuta ghaddejjin minn procedura ta' separazzjoni kumbattuta ghall-ahhar, Rik nuru 9/2016, li tinsab fi stadju avvanzat

ta’ gbir ta’ provi wara tmien snin. Id-dinamika familjari hija s-segwenti; l-attrici tirrisjedi ma’ missierha, filwaqt illi l-konvenuta ghandha tghix maghha lil bintha z-zghira, A . Il-missier u l-omm jghixu f’residenzi separati, ‘il boghod minn xulxin, bl-ahwa jghixu wahda mal-missier u l-ohra mal-omm.

Permezz ta’ dawn il-proceduri, l-attrici qed titlob il-manteniment minn ghand ommha, u dan peress illi ommha qatt ma tatha manteniment. L-attrici ghalqet l-eta’ ta’ tmintax-il sena f’Novembru 2021, u ghalhekk tista’ tressaq talba bhal din kontra ommha.

L-attrici ressqet bhala provi s-segwenti xhieda;

- Rappresentant tal-Universita’ ta’ Malta, dwar id-dhul mill-impieg tal-konvenuta;
- Rappresentant ta’ Ernst & Young, li l-attrici qed issegwi kors u impieg ma’ din id-ditta ta’ awdituri;
- Affidavit taghha stess;
- Affidavit ta’ missierha, CS .

Il-konvenuta esebiet affidavit taghha stess, flimkien ma’ diversi dokumenti in sostenn tat-tezi taghha. Dawn juru, fost ohrajn, xi spejjez tinkorri l-konvenuta fit-trobbija ta’ bintha z-zghira, kif ukoll id-dhul ta’ missier l-attrici.

Mal-ewwel daqqa t’ghajn, hija kurjuza ghalfejn l-attrici qed titlob manteniment minn ghand ommha biss, u mhux ukoll minn ghand missierha. Il-Qorti tista’ tippresumi ghalfejn sar dan, peress illi l-attrici ghadha tghix ma’ missierha, u ghalhekk huwa presunt li l-missier qieghed fil-fatt imantni lil bintu – ghalkemm ma ngabet ebda prova konkreta ta’ dan, lanqas fl-affidavit ta’ CS il-missier.

Madankollu l-Qorti hi konvinta li l-missier qiegħed jagħmel tajjeb għall-ispejjez tal-għixien tal-attrici.

Mill-provi l-oħra prodotti minnha, jirrisulta wkoll li hi hija impjegata full time ma' Ernst & Young, liema impieg jġib ukoll miegħu kors ta' tagħlim u salarju ta' madwar tmint elef Ewro fis-sena. L-attrici waslet biex tikkonkludi dan il-kors u tkompli l-impieg tagħha b'salarju akbar. Dan jfisser li l-attrici għandha mezzi, għalkemm limitati, izda huma ħafna aħjar minn dawk ta' studenti oħra full time li għandhom biss stipendju tal-gvern, jew li jaħdmu impjegi varji part time b'rata ta' ħlas baxxa ħafna. Magħdud ma' dan il-presunzjoni li missierha qed jtiha xi ħaġa tal-flus bħala manteniment, jew qed jipprovdilha għall-għixien tagħha, jfisser li l-attrici qed tgħix qisu fuq ammont ta' cirka €900 Ewro fix-xahar.

Mill-kumplament tal-provi, jirrisulta li l-konvenuta għandha dħul ta' cirka tlittax-il elf Ewro fis-sena (€13,000), u magħha għad hemm tgħix bintha z-zgħira, kif gia' intqal. Ma jidhirx illi l-attrici esebiet xi prospett ta' spejjez li juri kemm tonfoq fix-xahar, u kemm għandha bzonn manteniment minn għand il-konvenuta. Lanqas ma ddikkjarat kemm tircievi bħala għinuna minn għand missierha.

Għalhekk, il-Qorti qed issibha difficli li tifhem għalfejn l-attrici ressqet dawn il-proceduri. Mill-provi prodotti minnha stess, għandha impieg bħala student apprentist li qed jirrendilha tmint elef Ewro fis-sena, waslet biex tibda taħdem bi paga decizament aħjar, mentri ommha għandha paga mhux wisq aħjar minn tagħha, u b'ħafna spejjez aktar.

Inoltre, irrisulta wkoll li dan il-mertu gia' gie ttrattat f'zewġ rikorsi li kien ressaq missier l-attrici fil-kawza ta' separazzjoni gia' imsemmija, fejn il-Qorti iddekretat li hu għandu jħallas manteniment ta' mitejn Ewro lil martu għall-bzonnijiet ta' Aimee, il-bint iz-zgħira, liema manteniment jinkludi nofs l-ispejjez ta' saħħa w

edukazzjoni tal-istess bint. Dan il-manteniment huwa wiehed baxx hafna, inqas mill-minimu li l-Qorti tiffissa f'kawzi ta' separazzjoni, proprju ghax il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-mezzi tal-genituri u ppruvat issib bilanc ekwu bejniethom billi ordnat lill-missier jhallas mitejn Ewro biss bhala manteniment.

Il-Qorti qed issibha difficli ferm tipprova tifhem x'kienet ir-raguni ghalfejn l-attrici hadet il-briga li tfittex lil ommha ghall-manteniment, meta diga' kien hemm provvediment f'dan ir-rigward fil-kawza ta' separazzjoni bejn il-genituri taghha, ghal darba darbtejn, u meta irrisulta mill-provi li ghandha mezzi adegwati ghall-ghixien taghha.

Il-Qorti, ghalhekk, hija tal-fehma li t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti in toto.

**DECIDE:**

GHAL DAWN IL-MOTIVI L-QORTI;

TICHAD it-talbiet attrici.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-istess attrici.

Imhallef – Onor Anthony G Vella Cettina Gauci – DEP REG